# Drawwiet u Tifkiriet għal Żmien ir-Randan u l-Ġimgħa l-Kbira

### *Ras ir-Randan*

Wara li jintemmu jiem il-bluha, jew aħjar il-jiem tal-Karnival, jibda Ras ir-Randan. Dari kienu jkunu erbgħin jum ta' sawm u penitenza. Missirijietna kienu jħarsu dan iż-żmien tar-Randan b'devozzjoni kbira. U miskin hu min ma kienx isum kif għandu jkun f'Ras ir-Randan.

Aħna l-Maltin għandna qawl dwar Ras ir-Randan li jgħid: *Min ma jsumx f'Ras ir-Randan jikluh il-klieb.* U kien hemm min tant kien jibża' li Ras ir-Randan kien iħarsu kif għandu jkun.

Tul iż-żmien tar-Randan l-uniku ħelu permess li wieħed seta' jiekol kien il-kwareżimal. Dan it-tip ta' ħelu mhux xi ħaġa tradizzjonali tagħna l-Maltin u l-Għawdxin biss, għax dan hu importazzjoni mill-Italja u Sqallija. Għat-tfal imbagħad hemm il-karamelli tal-ħarrub. Dan kien ikun speċi ta' ħelu magħmul mill-ħarrub, għasel u ġulepp. Dan it-tip ta' ħelu kien ikun imkebbeb biċċiet f'karti.

### *L-Eżerċizzi Spiritwali*

Missirijietna qabel kienu aktar jattendu bi ħġarhom għall-eżerċizzi spiritwali. Kienu jagħmlu ħilithom biex ma jitilfux waħda mill-kors ta' priedki li kien imħejji għalihom.

Fit-tielet Ħadd kien jibda ż-żmien li fih l-Insara kellhom id-dmir li jwettqu l-preċett tal-knisja, jiġifieri li wieħed jersaq għat-tqarbin imqaddes fi Żmien l-Għid. Ta' min jgħid li f'din l-okkażżjoni kien isir il-bdil tal-Bulettini. Il-Kleru ta' kull parroċċa kien strett ħafna dwar dan id-dmir li kien jintemm nhar Ħadd it-Trinità.




### *Minn Ħadd il-Palm 'il quddiem*

Minn Ħadd il-Palm il-Knisja tibda turi xejra mudlama u ta' swied il-qalb. Dan tagħmlu billi tgħatti l-Kurċifissi kollha ta' fuq l-artali bi drapp vjola. Tgħatti wkoll il-kwadri u n-niċeċ ta' ġol-knisja. Fil-Knisja jintrama wkoll damask iswed. B'dan il-mod il-Knisja tidher verament f'luttu u żgur li ddaħħlek fl-ispirtu ta' dan iż-żmien qaddis.




*Bulettini tal-Parroċċa tal-Mellieħa*

### *L-Erbgħa tat-Tniebri*

L-Erbgħa ta' qabel il-Ġimgħa l-Kbira jissejjaħ l-Erbgħa tat-Tniebri. Din ġejja minn kelma Taljana ***Tenebre*** li tfisser **dlamijiet**. Is-Saċerdoti mill-Kor ikantaw is-salmi. Wara kull salm kien joħroġ abbati fuq il-presbiterju u jitfi waħda mix-xemgħat ta' kulur kannella. Dawn kienu jkunu armati f'kandelabru apposta f'għamla ta' trianglu, imsejjaħ Barabba.

Fl-aħħar tas-salm, meta kienet tintefa l-aħħar xemgħa, kien isir ukoll it-Terremot. Dan kien isir billi l-qassisin u l-abbatini jsabbtu biex jagħmlu l-istorbju. F'kelma waħda dak il-ħin fil-Kor tal-Knisja kont taħsbu li tassew sar xi terremot.

## Id-Daqq taċ-Ċuqlajta

F'Ħamis ix-Xirka l-funzjoni tal-Ħasil tar-riġlejn ta' l-Appostli kienet issir filgħodu u mhux filgħaxija bħalma ssir illum. Din iċ-ċerimonja kienet issir f'quddiesa kantata li fiha l-orgni kien jintuża biss sal-Glorja. Imbagħad kien jintuża l-armonju. Anke l-qniepen mal-Glorja ta' din il-quddiesa kienu jieħdu l-mistrieħ tagħhom mill-kampnari. Dawn il-qniepen ma kinux jerġgħu jsemmgħu leħinhom sal-funzjoni ta' Sibt il-Għid. Allura, minflok id-daqq tal-qniepen, tibqa' tindaqq iċ-ċuqlajta. Din tkun magħmula minn imrietel ta' l-injam li jaqgħu, jaħbtu u jduru fuq l-injam, maħdum forma ta' salib. Din it-tradizzjoni għada miżmuma f'xi rħula.

## Il-Priedka tat-Tliet Sigħat

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira kienet issir priedka magħrufa tat-Tliet Sigħat. Din kienet tibda ftit wara nofsinhar. Il-predikatur kien jippriedka u jdaħħal lill-fidili preżenti quddiemu fl-ispirtu ta' dak il-ħin qaddis, meta Sidna Ġesù Kristu qal l-aħħar Seba' Kelmiet tiegħu minn fuq il-Golgota.

**Carmel Bianchi**

*Dan l-artiklu ġie moqri miż-żagħżugħ Roberto Bartolo fl-okkażżjoni tat-tberik tal-Mejda ta' l-Appostli mtella' minn John Sammut u l-grupp tiegħu fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali, Mellieħa, nhar il-Ħamis, l-1 ta' April 2004.*

